MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 2550/1997/1

**Mid-Med Bank Limited u b'nota tat-18 ta' Novembru l-isem tal-bank attur inbidel ghal HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**John F. Limited, John Freeman, Maria Freeman u Joseph Pace**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta:-

Illi b' kuntratt fl-atti tan-nutar Dottor Carmel Mangion tas-26 ta' Ottubru 1995 (Dokument A) il-bank attur ta' b' self lis-socjeta' konvenuta John F. Limited is-somma ta' mija u ghoxrin elf lira maltin (Lm120,000).

Illi inoltre l-bank attur ta’ facilitajiet ta’ overdraft lill-istess socjeta’ konvenuta.

Illi l-konvenut John Freeman bil-kunsens tal-konvenuta Maria Freeman dahal garanti solidali mas-socjeta’ John F. Limited lejn il-bank attur fis-somma ta’ mija u tletin elf lira maltin (Lm130,000), oltre imghaxijiet, banking charges, u spejjez ohra) in forza ta’ garanzija datata 21 ta’ Dicembru 1995 (dokument B).

Illi l-konvenut Joseph Pace dahal garanti solidali mas-socjeta’ John F. Limited lejn il-bank attur fis-somma ta’ mija u tletin elf lira maltin (Lm130,000), oltre imghaxijiet, banking charges, u spejjez ohra in forza ta’ garanzija datata 29 ta’ Dicembru 1995 (dokument C).

Illi s-socjeta’ konvenuta John F. Limited hija debitrici lejn il-bank attur fis-somma ta’ mija u disgha u erbghin elf, mitejn u hamsa u ghoxrin lira u wiehed u erbghin centezmu (Lm149,225.41) dovuti minnha kwantu ghal mija u dsatax-il elf u tmintax-il lira u sbatax-il centezmu (Lm 119,018.17) bilanc dovut minnha sas-sittax (16) ta’ Frar 1996, fuq loan account numru 27 800 2477 (Dokument D), tlettax-il elf seba’ mija u tlieta u sittin lira u tnejn u sebghin centezmu (Lm13,763.72) rapprezentanti imghax bid-disgha fil-mija (9%) fis-sena mis-16 ta’ Frar 1996 sat-30 ta’ Mejju 1997 data meta saret il-call-in u imghax bit-tmienja fil-mija (8%) mill-31 ta’ Mejju 1997 sat-22 ta’ Settembru 1997, b’ kollox mija u wiehed u tletin elf lira, erba’ mija u tnejn u tletin lira u tmienja u disghin centezmu (Lm131,432.98) (Dokument E), u kwantu ghal sbatax-il elf seba’ mija u tnejn u disghin lira u tlieta u erbghin centezmu (Lm17,792.43) fuq overdraft account numru 27 198 2488 (Dokument F) bilanc dovut minnha sal-31 ta’ Settembru 1997 oltre l-imghaxijiet ulterjuri bir-rata ta’ 8 % fis-sena mid-data ta’ l-imsemmija bilanci sad-data tal-pagament effettiv.

Illi ghalkemm mitluba biex ihallsu l-konvenuti baqghu inadempjenti (Dokument G u H).

Illi ghall-finijiet ta’ pratticita’ u spedetezza tal-gudizzju, it-talba tal-Bank attur f’dawn il-proceduri qed issir limitatament ghas-somma ta’ mija u wiehed u tletin elf, erba’ mija u tnejn u tletin lira u tmienja u disghin centezmu (Lm131,432.98) bilanc dovut fuq il-loan account numru 27 800 3477 kif fuq spjegat u ghall-imghax relattiv mit-22 ta’ Settembru 1997 sad-data tal-pagament effettiv minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-Bank attur li jesigi hlas ghall-bilanc intier dovut kif spjegat fi proceduri separati.

Illi l-kreditu tal-bank attur fis-somma ta’ mija u wiehed u tletin elf, erba’ mija u tnejn u tletin lira u tmienja u disghin centezmu (Lm131,432.98) huwa cert likwidu u esigibbli u sa fejn jaf il-Bank attur, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difiza valida opponibbli f’din il-kawza kontra t-talba tieghu ghall-hlas ta’ dik is-somma.

Ghalhekk il-bank attur qed jitlob li dawn il-proceduri jigu decizi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili u li l-konvenuti jigu kundannati solidalment flimkien ihallsu lill-bank attur is-somma ta’ mija u wiehed u tletin elf erba’ mija u tnejn u tletin lira u tmienja u disghin centezmu (Lm131,432.98) ammont minn somma akbar dovuta minnhom kif fuq spjegat, u dan minghajr pregudizzju ghad-dritt tas-socjeta attrici li tezigi l-hlas tal-bilanc intier dovut lilha kollox kif fuq spjegat.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mit-22 ta’ Settembru 1997 kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

B’ rizerva ta’ kull dritt ghall-bilanc akbar u ghall-imghaxijiet relattivi dovuti mill-konvenuti lill-Bank attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Bank attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat l-affidavit tal-Prokuratur Legali Adrian Borg presenmtat mill-bank attur.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Dicembru 1997 minn fejn jirrizulta li l-konvenuti nghataw il-fakulta' li jippresentsaw nota ta' eccezzjonijiet.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-loan account li kienet tgawdi l-kumpanija konvenuta kien manipulat minn terzi, presubilment ufficjali tal-istess Bank u naqqsu diversi somom mill-istess kont li ma kienux awtorizzati mill-firmatarji tal-kumpanija.

2. Il-Konvenuti li huma garanti solidali mal-istess kumpanija ghandhom b' hekk jigu liberati mill-obbligi taghhom bhala garanti u t-talbiet attrici fil-konfront taghhom ghandhom jigu michuda.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat l-affidavit ta' Raymond Zammit presentat mill-bank attur.

Smghet ix-xhieda prodotti mill-bank attur, inkluz il-konvenut Joe Pace appuntu msejjah mill-istess bank attur.

Semghet lill-konvenut Joseph Pace u x-xhieda minnu prodotti.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet "HSBC Bank Malta p.l.c. vs John F. Limited et" (Citazzjoni numru 2456/2000) u l-atti tal-kawza numru 2725/97 liema zewg kawzi gew decizi minn din il-Qorti kif presjeduta fit-8 ta' Ottubru 2010 u liema zewg kawzi gew trattati fl-imkien mal-presenti kawza.

Rat l-affidavit ta' Dottor Benny Delia presentat mill-konvenut Joseph Pace u semghet lill-istess xhud in kontro-ezami.

Rat in-nota tal-bank attur tal-20 ta’ Mejju 2005 li biha l-atti tal-kawza gew ceduti pero’ biss fil-konfront tal-konvenuti John u Maria konjugi Freeman.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Marzu 2006 minn fejn jirrizulta li l-Bank attur iddikjara lil-ammont kollu li qed jintalab f’dawn il-proceduri ghadu kollu dovut.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Il-bank attur jallega, fic-citazzjoni, li s-soċjetà konvenuta John F. Limited hi debitriċi tiegħu fis-somma ta’ Lm149,225.41 pero fil-kawża odjerna il-bank attur qed jillimita t-talba għal Lm 131,432.98 u dana bhala bilanċ dovut fuq il-loan account numru 278003477. Bħala prova lid an l-ammont hu dovut il-bank attur ipproduca prospett (document D – fol.25) liema prospett hu relattiv ghall-imsemmi kont li f’isem is-psocjeta’ konvenuta. Gie ukoll esibit il-kuntratt ta’ self datat 26 ta’ Ottubru 1995.

Jerga jigi rilevat li din il-kawza giet trattata kontestwalment mal-kawza numri 2456/2000 u kawza numru 2725/97, li t-tnejn gew decizi min din il-Qorti kif presjeduta fit-8 ta’ Ottubru 2010 u ghalhekk qed issir referenza specifika ghall-imsemmija zewg sentenzi u l-konsiderazzjonijiet kollha li saru fl-istess zewg sentenzi ghandhom jitqiesu li huma applikabbli ukoll ghal presenti sentenza. Din il-kawza qed issir kemm kontra s-socjeta’ konvenuta kif ukoll kontra l-konvenuti l-oħra li kkostitwew ruħhom bħala garanti solidali mal-istess kumpanija konvenuta. Il-garanzija mogħtija mill-konvenuti l-ohra tiggarantixxi l-ħlas ta’ kull somma ta’ flus dovuta jew li ssir dovuta mid-debitur prinċipali cioe s-socjeta’ konvenuta. Jirriżulta, in effett, li l-konvenuti intrabtu legalment bhala garanti biex jagħmlu tajjeb għad-dejn kollu tas-socjeta’ konvenuta.

Dwar is-self li l-bank attur ikkonceda lis-socjeta’ konvenuta jirriżulta, mill-provi, li x-xhud Ray Spiteri, li kien

impjegat mal-bank attur bhala Manager, ta parir lill-konvenut Joseph Pace dwar x'għandu jagħmel Pace sabiex huwa jkun jista' jieħu "loans" ulterjuri mill-istess bank attur. Kien l-imsemmi Ray Spiteri li irranġa sabiex jingħataw "unsecured loans" lill-konvenuti Freeman u sussegwentement saru l-arranġamenti sabiex jingibdu l-ammonti kollha mislufa b'ċekkijiet mahrugin fuq l-isem tal-konvenut Joseph Pace. Wara dan kollu gie registrata is-socjeta' konvenuta John F. Limited bil-għan li din tassorbi dawn id-djun, bil-garanzija tal-konvenuti l-ohra kollha. Finalment sar it-trasferiment tal-ishma kollha tas-socjeta' konvenuta lill-konvenut Joseph Pace. Konsegwentement il-kontijiet f'isem il-konvenut John Freeman ingħalaq. Minn dan kollu jirrizulta sufficjentement li l-imsemmi xhud Ray Spiteri sab mezz kif il-faċilitajiet ta' self li gew approvati minnu f'isem terzi finalment gawda minnhom il-konvenut Joseph Pace.

In effett jirrizulta li l-ammonti mislufa lit-terzi kellhom finalment ikunu ghad-dispozizzjoni tal-istess Joseph Pace. Din il-kawza tikkoncerna l-ammonti dovuti mis-socjeta' konvenuta fuq kont li hu appuntu f'isem l-istess socjeta' li ovvjament tgawdi personalita' legali distinta. Ghalhekk il-kwestjoni sollevata mill-konvenut Joseph Pace dwar il-fatt li huwa ma rċeviex l-ammont taċ-ċekkijiet mahrug f'ismu mill-konvenut Freeman hi irrilevanti ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri stante li l-"loan account" f'isem is-socjeta' konvenuta hu destint u kompletament indipendenti u m'ghandux x'jaqsam mit-transazzjonijiet li saru bejn il-konvenut John Freeman u l-konvenut Joseph Pace dejjem f'isimhom proprju. L-imsemmija kwestjoni hi irrilevanti ukoll ghar-rigward tal-bilanċ li ghadu dovut fuq il-kont tas-socjeta konvenuta. Inoltre ma jirriżultax mill-"bank statements" rigward il-kont f'isem is-socjeta' konvenuta li nġibdu xi flus mill-kont tal-istess soċjeta' konvenuta u ghalhekk bl-ebda mod ma tista tirriżulta xi manipulazzjoni tal-imsemmi kont. Li hu zgur hu li, f'dan ir-rigward, l-allegazzjoni tal-konvenut Joseph Pace ma ġietx ippruvata. Jirrizulta ukoll li qatt ma saret xi oġġezzjoni fuq il-bilanċ li kien jidher fuq l-istatements relattivi.

Mill-provi kollha prodotti jirrizulta ampjament li l-bank attur għandu jiehu s-somma mitluba fic-cxitazzjoni. mingħand is-soċjeta' konvenuta. Inoltre jerga jigi rilevat li l-bank attur,permezz tan-nota minnu presentata fl-20 ta' Mejju 2005 ceda l-atti kollha tal-kawza biss fil-konfront tal-konvenuti John u Maria konjugi Freeman.

In vista ta' dak kollu li gie premess it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu akkolti fil-konfront tas-socjeta kovenuta u fil-konfront tal-konvenut Joseph Pace filwaqt li l-eccezzjoniet kollha tal-istess konvenuti ghandhom jigu michuda. In vista tac-cessjoni tal-kawza fil-konfront tal-konvenuti konjugi Freeman il-Qorti ser tastjieni mill-tiehu konjizzjoni ulterjuri ghar-rigward tal-istess konvenuti konjugi Freeman.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel u in vista tan-nota ta' cessjoni tal-20 ta' Mejju 2005 tiddikjara li qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-jawza fil-konfront tal-konvenuti konjugi Freeman u billi fit-tieni lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta u tal-konvenut Joseph Pace u billi fit-tielet lok tilqa t-talbiet kollha tal-bank attur pero' biss fil-konfront tal-istess konvenuti Joseph Pace u s-socjeta' John F. Limited u tikkundanhom ihallsu in solidum bejnithom is-somma ta' mija u wiehed u tletin elf erba mija u tnejn u tletin lira maltija u disa u erbghin centezmu (Lm131,432.98) ekwivalenti ghal tlett mija u sitt elef mija u sitta u hamsin euro u disa u erbghin centezmu (€306,156.49) dovuti bħala parti minn ammont akbar li jirrappresenta ammont ta' self u dana s-socjet' konvenuta bhala debituir principali u l-konvenut Joseph Pace bhala garanti solidali. Bl-imghaxxijiet kif mitluba.

Spejjez kollha kontra l-istess konvenuti Joseph Pace u s-socjeta' John F. Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------